*"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165* *e-mail: birzebbuga.lc@gov.mt*

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti ta' seduta numru 5 tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali Birzebbuga, li saret fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju 2015 fis-6:00p.m.*

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Kevin Barun (K.B.) |
| | Joseph Baldacchino (J.B.) |
| | Leanne Grech (L.G.) |
| | Josette Busuttil (J.B.) |
| | Herman Reuben Schiavone (H.S.) |
| | Stanley Zammit (S.Z.) |
| Assenti | Joseph Cutajar (J.C.) |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 1

---

**Agenda ghal-laqgha :**

1 Qari u approvazzjoni ta' minuti
2 Arisings mill-Minuti
3 Korrispondenza
4 Balance Sheet
5 Skeda ta' hlasijiet
6 Works orders/purchase orders
7 Petty cash
8 Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv
9 Sejhiet ghall-offerti
10 Attivitajiet
11 Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Agent Segretarju Ezekuttiv u mistoqsijiet/ interventi mill-Kunsilliera
12 Aggornament

Is-Sur Kevin Barun flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

| | | |
|---|---|---|
| **5/01** | **Qari u approvazzjoni tal-Minuti** |

05/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 4, kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija.

05/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Kevin Barun, issekondata mis-Sur Hermann Schiavone il-minuti gew unanimament approvati

05/03 Is-Sindku u l-Agent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**5/02** **Arisings mill-Minuti**

05/02/01 Is-Sa. Leanne Grech staqsiet lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward minuta 04/12/01 li kienet tikkoncerna incident li kien inqala' fil-Freeport. Is-Sur Kevin Barun informa lill-Kunsilliera prezenti illi fir-rigward kienet saret laqgha. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti, kien hemm qbil illi kellu jsir monitoragg ahjar tal-operat, kif ukoll decizjoni illi l-Kunsill Lokali kien jaqbel mal-proposta li kienet giet imressqa li jkun hemm harbor master. Is-Sur Joseph Baldacchino semma illi kien jezisti ukoll fattur ta riskju relatat ma' bunkering. Finalment, gie deciz illi kellha tinhareg stqarrija ghall-istampa dwar il-materja u l-Kunsill Lokali jesprimi l-opinjoni tieghu fir-rigward tal-proposta tal-harbour master.

05/02/02 Is-Sa. Leanne Grech infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi b'konnessjoni ma minuta 04/12/07, hekk kif maqbul kienet giet implimentata decizjoni li kien ha l-Kunsill Lokali illi jiftah il-parkegg tal-iskola primarja ghall-vetturi private fi tmiem il-gimgha sabiex tittaffa xi ftit il-problema ta' parkegg li kienet tezisti fil-lokalita'. Wara, li giet diskussa l-inizjativa, filwaqt li kien hemm qbil illi l-inizjativa ma kenitx tat il-frott mixtieq, kellha tigi estiza sa wara l-granet tal-festa sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni ahjar.

05/02/03 Is-Sa. Leanne Grech qalet illi rigward minuta 04/12/08, waqt li kienet qieghda thejji l-pjanijiet sabiex jinghataw lezzjonijiet ta' revizjoni lill-istudenti li ma jkunux ghaddew minn xi ezami kien irrizulta illi l-Gvern Centrali kien ser ikun qieghed joffri l-istess servizz u ghaldaqstant ma kienx hemm il-htiega illi l-istess lezzjonijiet isiru mill-Kunsill Lokali wkoll.

05/02/04 Is-Sur Hermann Schiavone staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward statistika li kien gabar il-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma Danni li kienu garrbu sidien ta' stabbilimenti fiz-zona tal-bajja s-sabiha kawza tal-incident li kien sehh fl-operat tal-Freeport.
Is-Sur Kevin Barun infurma lill-Kunsill Lokali illi kienet saret talba lill-Freeport.

05/02/05 Is-Sur Joseph Baldacchino informa lill-Kunsill Lokali illi rigward minuta 04/12/04, l-ammont ta' inmates li kienu qieghdin jaghtu servizz lill-Kunsill Lokali kien nizel minn tnejn ghal wiehed peress illi individwu partikolari ma kienx segwa struzzjonijiet moghtija.

05/02/06 Is-Sur Kevin Barun informa lill-Kunsill Lokali illi kienu saru xi xogholijiet fil-latrini pubblici sabiex isir ix-xoghol kien gie deciz fis-seduta precedent skond minuta 04/03/14.

**05/03** **Korrispondenza**

05/03/01 E-mail datat 14 ta' Lulju 2015 li permezz tieghu is-Sur Charles Scicluna talab lill-Kunsill Lokali jevlawa l-possibilita' illi jinhariglu permess ghal imwejjed u siggijiet quddiem l-istabbiliment Edesia fil-granet tal-festa.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi t-talba tas-Sur Scicluna ma kelliex tigi milqugha.

05/03/02 Permezz ta' e-mail datat 8 ta' Lulju 2015, is-Sur Roderick Cachia, f'isem il-Fonazzjoni qalb it-tfal talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jihareg permess sabiex tittella' attivita' nhar it-t22 u t-23 t'Awissu 2015 gewwa l-bajja s-sabiha.
Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali johrog il-permess hekk kif mitlub sabiex tittella' l-attivita'.

05/03/03 Permezz ta' e-mail datat 3 ta' Lulju 2015, Is-Sur Philip Carabott talab lill-Kunsill Lokali sabiex jevlawa l-possibilita' illi titwessa Triq l-Ghirghien. Dan wara illi l-istess Sur Carabott kien gibed l-attenzjoni ta' Transport Malta u gie infurmat illi t-Triq kienet taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jiccekkja l-linja tal-bini u jevalwa l-materja.

05/03/04 Permezz e-mail datat 1 ta' Lulju 2015, il-Kunsill Lokali ircieva talba sabiex tittella attivita' bl-isema ta' beat the burn gewwa l-bajja s-sabiha nhar id-19 jew is-26 ta' Lulju 2015.
Wara li inghataw id-dettalji tal-attivita', kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni.

05/03/05 Permezz ta' e-mail datat 3 ta' Lulju 2015, is-Sur Tony Muscat, sid ta' stabbiliment fi Triq San Patrizju talab illi jiddiskuti mal-Kunsill Lokali proposta sabiex tigi estiza l-bankina quddiem l-istabbiliment imsemmi.
Gie deciz illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni li jiltaqa' u jiddiskuti mas-Sur Muscat il-proposta mressqa.

05/03/06 Permezz ta' petizzjoni datata 19 ta' Mejju 2015, residenti li jabitaw fi Triq Zaren Dalli ilmentaw illi kien qieghed ikollom problemi ta' gharghar kawza tax-xita u talbu illi ssir trinka mal-genb tal-bankina tat-triq sabiex l-ilma jkun jista' jinzel il-bahar.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbaghat ittra lill-Flood relief unit sabiex tigi evalwata l-possibilita' illi x-xoghol isir mill-Gvern Centrali.

05/03/07 Permezz ta' ittra datata 22 ta' Gunju 2015, is-Sur Carmel Callus informa lill-Kunsill Lokali bi skart li kien qieghed jintrema abuzivament fi Triq San Patrizju biswit bring-in-sites.
Filwaqt li l-Kunsill Lokali kellu permezz ta' GreenPak inaddaf iz-zona, is-Sur Callus kelli jigi infurmat illi matul l-2016, kienu ser jigu installati CCTV cameras sabiex jitrazzan l-abbuz

05/03/08 Permezz ta' e-mail datat 24 ta' Gunju 2015, is-Sa. Ruth Spiteri, f'isem GO talbet lill-Kunsill lokali awtorizzazzjoni sabiex rapprezentanti tal-Kumpanija ikunu jistghu jippromwovu s-servizzi ta' GO fil-bajja s-sabiha.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba tinkiseb l-approvazzjoni tal-Awtorita' Maltija ghat-turizmu, il-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni.

05/03/09 Permezz ta' e-mail datat 1 ta' Lulju 2015, is-sur Euchar Camilleri, f'isem Birkirkara St.Joseph Sports Club talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex jittellghu xi attivitajiet gewwa l-lokalita'. Is-Sur Camilleri,filwaqt li ghadda d-dettalji tal-attivitajiet, informa lill-Kunsill Lokali illi kienu qieghdin jinkisbu l-awtorizzazzjonijiet mehtiega minghand il-pulizija.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu japprova t-talba.

05/04 **Balance Sheet**

05/04/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' balance sheet finanzjarja li kienet tkopri sa' tmiem April 2015. Is-Sur Hall imbaghada ghadda sabiex jaghti spjega tal-kontenut tal-istess document. Filwaqt li kien hemm qbil unanimu illi l-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali kienet immeljorat, gie deciz illi qabel jigi approvat id-dokument kellha ssir laqgha tal-Kumitat tal-Finanzi sabiex jigi diskuss f'aktar dettall il-lat finanzjaru tal-Kunsill Lokali.

05/05 **Skeda ta' hlasijiet**

05/05/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti ghall-approvazzjoni (Skeda 06/15)

05/05/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Kevin Barun, issekondat mis-Sur Hermann Schiavone, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

05/06 **Approvazzjoni ta' works orders/purchase orders**

05/06/01 L-Agent Segretarju Ezeuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet nehdiet sistemi godda ta' kif jigi ordnat ix-xoghol permezz ta' formoli ta' works/purchase orders differenti minn dawk precedenti. Il-hsieb wara l-inzijativa kien illi filwaqt li jkun hemm aktar dettalji dwar kif jigi ordnat ix-xoghol, il-Kunsill Lokali jkun f'pozizzjoni ahjar li jevalwa dan il-lat finanzjarju. Is-Sur Hall zied jghid illi minhabba l-fatt illi l-imsemmija procedura ma kenitx ilha li nbdiet l-informazzjoni relevanti kienet minima u ma setghetx titressaq ghas-seduta tal-Kunsill.

**05/07** **Lista ta' Petty Cash**

05/07/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' petty cash mahrug matul Gunju 2015

KB

05/07/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Kevin Barun, issekondat mis-Sur Hermann Reuben Schiavone, il-Kunsill unanimament approva l-lista msemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**05/08 Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv**

05/08/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi kienet giet iffissata data li fiha kien ser ikun qieghed jiltaqa' l-bord li kien ghamel l-intervisti liz-zewg kandidati eligibbli ghall-post vakanti. Is-Sur Hall zied jghid illi sussegwentement, ir-rakkomandazzjoni tal-istess bord kienet ser tkun qieghda tigi mghoddija lill-kunsill Lokali waqt seduta ghall-approvazzjoni.

**05/09 Sejhiet ghall-offerti**

05/09/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu mal-kuntrattur tal-gbir ta' skart imhallat kien ghalaq l-ewwel sena tieghu u l-Kunsill Lokali kellu jiehu decizjoni jekk jestendix l-imsemmi kuntratt b'sena.

Fuq konsiderazzzjoni tas-Sur Kevin Barun issekondat mill-Kunsillier Stanley Zammit, il-Kunsill Lokali qabel li jestendi l-kuntratt in-kwistjoni b'sena. Gie deciz ukoll illi kellha ssir laqgha mal-istess kuntrattur sabiex jigi diskuss is-servizz tal-gbir ta' skart nhar ta' Hadd.

**05/10 Attivitatjiet**

05/10/01 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellu laqgha ma' rapprezentanza tal-kumpanija 2Mind Events li kienet ipproponiet li jittellghu zewg attivitajiet gewwa l-lokalita'. 2Mind Events kienet qieghda tipproponi illi nhar is-Sibt 8 t'Awisssu 2015, gewwa l-bajja s-sabiha tittella' attivita' bl-isem 'The Beer & Sausage Festival'. Nahr il-15 t'Awissu fi Triq il-Qajjenza kien qieghed jigi propost illi tittella' l-attivita' 'The Granita Festival'. Is-Sur Barun ghadda sabiex jghaddi d-dettalji li kienu gew diskussi mal-kumpanija msemmija u semma kif l-ispiza relatata maz-zewg attivitajiet kienet ser ~~tammonta ghal madwar €2500.~~

Wara kunsiderazzjoni fuq proposta tas-Sur Kevin Barun issekondat mis-Sur Stanley Zammit il-Kunsill Lokali unanimament approva illi jsiru l-attivitajiet hekk kif propost.

**05/11 Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Agent Segretarju Ezekuttiv, u mistoqsijiet/ interventi mill-Kunsilliera.**

05/11/01 Is-Sur Hermann Reuben Schiavone informal ill-Kunsill Lokali illi kienet waslitlu talba sabiex jinxteghel il-pont ta' San Gorg.

Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-infrastruttura ezistenti ma kenitx tippermetti illi jizdied aktar dawl mas-sistema.

05/11/02 Is-Sa. Josette Busuttil tablet li tigi infurmata dwar eventwali zviluppi li seta' kien hemm dwar Triq il-Qajjenza

Is-Sindku informa lis-Sa. Busuttil u lill-Kunsill Lokali bl-ahhar zviluppi li kien hemm dwar il-materja.

05/11/03 Is-Sur Stanley Zammit issugerixxa li fi zmien il-festa fil-kaz li xi gabbana u/jew hanut li jgibu provi li nstallaw 3 bins tal-iskart separati (1 x Metal, karti u plastic (borza l-griza); 2 x mixed (jablo+organic) (borza sewda)) jinghataw xi tip ta' incentiv.
Kien hemm qbil illi l-proposta tas-Sur Zammit kellha tigi implimentata fl-2016 peress illi logistikament kien difficli illi tigi kkordinata ghall-2015

05/11/04 Is-Sur Stanley Zammit qal illi l-Kunsill Lokali kien applika ghar-restawr tar-ridott ta' San Gorg bl -ghajnuna tas-Sur Matthew Balzan (storiku) u tas-Sinjura Claudette Debono (arkeologa).

05/11/05 Is-Sur Stanley Zammit qal illi sas-seduta li segwenti ghandu jkollu l-informazzjoni mehtiega sabiex nipprezenta mozzjoni sabiex nitolbu d-devoluzzjoni tal-underground facilities f'Kalafrana. Sa dan it-tant kellu jigi stabbilit kuntatt mal-Freeport sabiex niddeterminnaw x'ghajnuna jista' jghatina ghal dan il-ghan

05/11/06 Is-Sur Stanley Zammit qal illi fis-seduta li jmiss ghandu jkun hemm *status update* dwar id-diversi progetti li ghadhom fuq l-ixkaffa anke jekk kien hemm qbil li jigu implimentati.

05/11/07 Is-Sur Stanley Zammit qal illi wiehed seta' jinnota illi s-sitwazzjoni hdejn il-Country Style, l-Ellisia, l-Illusions u l-lukanda iddigenerat daqsxejn. Nahseb wasal iz-zmien li nitolbu koppja tal-permessi li dawn ghandhom ghall-imwejjed u s-siggijiet u nitolbuhom jikkonfermaw (to comply) maghhom.
Kien hemm qbil illi kemm il-darba ikun possibbli il-Kunsill Lokali kellu jikseb kopja tal-permessi in-kwistjoni.

05/11/08 Is-Sur Stanley Zammit qal illi rigward oil spills, fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jaghmel suggeriment li kull meta jkun hemm bunkering isiru l-booms.
Kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja.

05/11/09 Is-Sur Stanley Zammit informa lill-kunsilliera prezenti bil-kordinamenti u arrangement li kienu saru b'konnessjoni mal-festa.

05/11/10 Is-Sur Stanley Zammit tenna l-htiega li jittella hajt/isir hadid temporanju jew permanenti hdejn il-klabb tal-bocci ghaliex huwa perikoluz immens.
Kien hemm qbil illi l-Vici-Sindku kellu jiehu hsieb jaghmel spezzjoni fuq il-post sabiex jigi stabbili kif seta' jsir ix-xoghol imsemmi.

05/11/11 Is-Sur Stanley Zammit qal illi l-ghaqda Storja u Kultura ppreparaw dak kollu necessarju sabiex l-MTA timplimenta l-heritage trail. Qieghed ghalhekk nissugerrixxi li ahna nimbarkaw fuq progett fejn nimplimentaw dan l-istess heritage trail imma b'mod virtwali. Dan ikun jinkludi virtual information centre fil-muzew ta' Ghar Dalam, update tal-postijiet importanti fuq il-google, update tal-informazzjoni fuq il-wikipedea u virtual tours fuq il-website. Ghal dan il-ghan iridu naraw li niehdu fondi. Sa dan it-tant ghandna nohorgu xi tip ta' expression of interest ghal dawk kollha li jistghu jibnu maghna dan il-progett

05/11/12 Is-Sur Stanley Zammit qal illi fis-seduta segwenti ghandu jkun hemm status update dwar il-bye laws, specjalment tal-istreet furniture.

05/11/13 Is-Sa. Josette Busuttil talbet lill-Kunsill Lokali informazzjoni dwar dghajjes illegali fiz-zona tal-qajjenza.

KD

|  |  |
|---|---|
|  | Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi kellu jsir kuntatt mas-Sur James Piscopo f'isem Transport Malta bil-ghan illi tigi infurzata il-materja. |
| 05/11/14 | Is-Sur Joseph Baldacchino qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu johrog sejha ghal interess ghas-settur privat sabiex tigi evalwata l-possiblita' illi progett li kien hemm ippjanat u approvat mill-MEPA ghall-parkegg ta' Wied il-Buni isir b'xi skema simili ghal dik tal-Public Private Partnership.<br>Wara diskussjoni libera dwar il-mateja, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jevalwa tajjeb id-dettalji tal-proposta tas-Sur Baldacchino sabiex kemm il-darba ikun possibbli tigi implimentata. |
| 05/11/15 | Is-Sur Kevin Barun ghadda lill-Kunsill Lokali dettalji dwar il-*European Week of Sports* li kienet ser tittella matul l-2015. |
| 05/11/16 | Is-Sur Kevin Barun qal illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellu laqgha ma rappreżentant mill-Kumpanija 2Mind Events li kienet qieghda tipproponi illi jittellghu zewg attvitajiet gewwa Birzebbuga. L-attivitajiet li kienu inghataw l-isem 'The Sausage & Beer Festival' u 'The Granita Festival' kien qieghed jigi mahsub illi jittellghu fiz-zona tal-bajja s-sabiha u triq il-qajjenza rispettivament. Is-Sindku zied jghid illi l-ispiza komplessiva ghall-Kunsill Lokali sabiex jittellghu iz-zewg attivitajiet kienet ser tammonta ghal €2350.<br>Wara diskussjoni qasira li matulha gew diskussi dettalji teknici tal-attivitajiet, fuq proposta tas-sur Kevin Barun issekondat mis-Sur Hermann Reuben Schiavone, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi z-zewg attivitajiet jittellghu. |
| 05/11/17 | Is-Sur Kevin Barun qal illi kienu ghaddejjin il-preparamenti sabiex jingieb ramel apposta ghall-grawnd li kien hemm fil-bajja s-sabiha hekk kif kien gie maqbul. F'dan ir-rigward, huwa kien tal-opinjoni illi l-Kunsill Lokali kellu jikri ghar-reklamar il-perimetru tal-imsemmi grawnd. Dan seta' jsir permezz ta' kanvas jew mesh li titwahhal mal-istess grawnd.<br>Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi kellu jinghata bidu ghall-kordinamenti sabiex il-proposta tas-Sindku tkun tista' tigi implimentata. |
| **05/12** | **Aggornament** |
| 05/12/01 | Is-Seduta spiccat fit-10:30p.m. minghajr wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 10 ta' Awissu 2015 fis-6:00p.m |

**Kevin Barun**
**Sindku**

**~~Duncan Hall~~** SVETLICK. FLORES
**~~A/~~Segretarju Ezekuttiv**

Data: 25/8/15